REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 181/2010

tat-2 ta' Marzu 2010

dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni tat-tewm fis-subperjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2010 u il-31 ta' Awwissu 2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament "Waħdieni dwar l-OKS") [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 [3] jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji, u jintroduċi sistema għal liċenzji għall-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi.

(2) Il-kwantitajiet li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji "A" minn importaturi tradizzjonali u minn importaturi ġodda wara il-ħmistax-il jum ta' Frar 2010, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 341/2007, jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli għall-prodotti li joriġinaw miċ-Ċina u l-pajjiżi terzi kollha għajr għaċ-Ċina.

(3) Għaldaqstant, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2007, jeħtieġ issa li jiġi stabbilit sa liema punt l-applikazzjonijiet għal-liċenzji "A" mibgħuta lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar 2010 jistgħu jkunu sodisfatti skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 341/2007,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni "A" mressqa skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 341/2007 wara il-ħmistax-il jum ta' Frar 2010 u mibgħuta lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar 2010 għandhom ikunu sodisfatti b'rata perċentwali tal-kwantità li għaliha tkun saret l-applikazzjoni, kif jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
[3] ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12.

ANNESS

Oriġini	Nru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokazzjoni
L-Arġentina		
— Importaturi tradizzjonali	09.4104	X
— Importaturi ġodda	09.4099	X
Iċ-Ċina		
— Importaturi tradizzjonali	09.4105	17,875957 %
— Importaturi ġodda	09.4100	0,387100 %
Pajjiżi terzi oħra		
— Importaturi tradizzjonali	09.4106	100 %
— Importaturi ġodda	09.4102	31,057336 %

"X: Mingħajr koeffiċjent ta' allokazzjoni għal dan is-subperjodu għal dan il-pajjiż."